



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2015
COM(2015) 662 final

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

**IT-TMIEN RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FOND
EWROPEW GĦAS-SAJD (2014)**

{SWD(2015) 295 final}

Werrej

1.	INTRODUZZJONI	3
2.	VALUTAZZJONI ĠENERALI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FES	3
2.1.	IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA TAL-FES MILL-ISTATI MEMBRI	3
2.2.	L-OQSMA TA' INTERVENT EWLENIN GĦALL-FES	4
2.3.	EVOLUZZJONI GĦAL KULL ASSI TA' PRIJORITÀ	6
2.4.	L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT MILL-KUMMISSJONI	8
2.5.	L-UŻU TA' ASSISTENZA TEKNIKA MILL-ISTATI MEMBRI	8
2.6.	L-UŻU TA' ASSISTENZA TEKNIKA MILL-KUMMISSJONI	8
2.7.	KOORDINAZZJONI TAL-FES MAL-FONDI STRUTTURALI U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR).	8
2.8.	IRREGULARITAJIET IRRAPORTATI MILL-ISTATI MEMBRI	8
3.	VALUTAZZJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TA' KULL ASSI TAL-FES	8
3.1.	ASSI 1. MIŻURI GĦALL-ADATTAMENT TAL-FLOTTA TAS-SAJD TAL-KOMUNITÀ.	9
3.1.1.	IL-PRESTAZZJONI EKONOMIKA TAL-FLOTTA TAS-SAJD TAL-UE FL-2013 (IBBAŻATA FUQ IR-RAPPORT EKONOMIKU ANNWALI 2015)	9
3.1.2.	WAQFIEN PERMANENTI MILL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD.	9
3.1.3.	TWAQQIF TEMPORANJU TAL-OPERAZZJONIJIET TAS-SAJD	11
3.1.4.	INVESTIMENTI ABBORD BASTIMENTI TAS-SAJD U SELETTIVITÀ	11
3.1.5.	SAJD KOSTALI FUQ SKALA ŻGĦIRA	11
3.1.6.	KUMPENS SOĊJOEKONOMIKU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FLOTTA TAS-SAJD.	12
3.2.	ASSI 2. AKKWAKULTURA, SAJD FL-ILMIJIET INTERNI, PROĊESSAR U KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-PRODOTTI TAS-SAJD U TA' L-AKKWAKULTURA:	12
3.2.1.	SAJD INTERNI	12

3.2.2.	AKKWAKULTURA	12
3.2.3.	PROĊESSAR	12
3.3.	ASSI 3. MIŻURI TA' INTERESS KOMUNI.	13
3.3.1.	PORTIJIET TAS-SAJD, SITI TAL-IŻBARK U POSTIJIET TA' KENN	13
3.3.2.	ŻVILUPP TA' SWIEQ ĠODDA U KAMPANJI PROMOZZJONALI	13
3.3.3.	OPERAZZJONIJIET PILOTA.	13
3.4.	ASSI 4. ŻVILUPP SOSTENIBBLI TAŻ-ŻONI TAS-SAJD.	15
4.	L-EWWEL SETT TA' KONKLUŻJONIJIET OPERAZZJONALI DWAR IL-FES GĦALL-PERJODU 2007-2013	15

1. INTRODUZZJONI

F'konformità mal-Artikolu 68 tar-Regolament tal-Fond Ewropew tas-Sajd (FES)¹, sal-31 ta' Diċembru kull sena l-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni rapport dwar kif il-FES qed jiġi implimentat. Ir-rapport hu bbażat fuq eżami u valutazzjoni mill-Kummissjoni tar-rapporti annwali tal-Istati Membri u fuq kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli. Dan jinkludi analiżi tal-implimentazzjoni ta' xi miżuri ewlenin tal-FES.

Id-dokument ta' ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah jinkludi sommarju tal-implimentazzjoni tal-FES f'kull Stat Membru kif ukoll ħames tabelli b'informazzjoni dettaljata dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja². Dan l-aħħar rapport tal-Kummissjoni jippreżenta valutazzjoni ġenerali tal-implimentazzjoni tal-FES mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni matul l-2014. Id-dejta dwar l-impenn pprovduta mill-Istati Membri kienet biżżejjed għal analiżi aktar estensiva sal-31 ta' Mejju 2015, u b'hekk tat stampa aktar komprensiva tal-implimentazzjoni attwali tal-FES anqas minn sena qabel l-iskadenza tal-implimentazzjoni tal-FES fil-prattika (il-31 ta' Diċembru 2015). Peress li l-Istati Membri, skont ir-Regolament Delegat 2015/895³ ma għandhomx għalfejn jissotomettu fl-2016, ir-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali matul l-2015, il-Kummissjoni mhux ser tippreżenta rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-FES matul dik is-sena.

Madanakollu, din ser tinkludi s-sommarju tal-awditjar fuq l-immaniġjar u s-sistemi ta' kontroll stabbiliti mill-Istati Membri u fuq assistenza tal-FES meħtieġa taħt l-ittra d) tal-Artikolu 68(3) tar-regolament tal-FES bħala anness għar-'rapport ta' sinteżi 2016 fir-rigward tal-programmi tal-fondi ESI' previst taħt l-Artikolu 53 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni⁴.

2. VALUTAZZJONI ĠENERALI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FES

2.1. Implimentazzjoni finanzjarja tal-FES mill-Istati Membri

Il-pagamenti interim iċċertifikati mibgħuta mill-Istati Membri fl-2014 ammontaw għall-EUR 567 miljun, li jirrapreżenta żieda ta' 4% meta kkumparat mal-istess figura għall-2013 (EUR 544 miljun).

Mill-2007 sal-31 ta' Mejju 2015, l-impjenji tal-FES mill-Istati Membri ammontaw għal EUR 3.91 biljun. Dan jirrapreżenta żieda ta' 14.5% tal-impjenji tal-FES meta kkumparat mal-31 ta' Mejju 2014 (EUR 495 miljun f'sena), meta l-livell tal-impjenji kien għadu relattivament baxx.

¹ L-Artikolu 68 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, ĠU L 120, 15.8.2006.

² Tabella I. L-eżekuzzjoni finanzjarja fir-regġuni ta' konverġenza.
Tabella II. L-eżekuzzjoni finanzjarja fir-regġuni mhumiex ta' konverġenza.
Tabella III. L-eżekuzzjoni finanzjarja fir-regġuni ta' konverġenza u dawk li mhumiex.
Tabella IV. L-ammonti pprogrammati tal-FES skont l-assijiet prijoritarji u skont l-Istat Membru.
Tabella V. In-nefqa ċċertifikata tal-FES skont l-assi prijoritarju u skont l-Istat Membru.

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (EU) 2015/895 tat-2.02.2015, li jissupplimenta r-Regolament (EU) No 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-EMFF rigward dispożizzjonijiet tranżitorji. ĠU L 147/1

⁴ Ir-Regolament (EU) Nru 1303/2013 jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-FEŻR, il-FSE, il-FK, il-FAEŻR u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ĠU L 347, 20.12.2013.

Sal-31 ta' Mejju 2015, 90.83% tal-FES kien impenjat⁵.

Kemm l-impenji u kif ukoll in-nefqa ċertifikata fil-livell tal-Istati Membri għadhom taħt il-livell mistenni qabel it-tmiem tal-implimentazzjoni tal-FES. Sal-31 ta' Mejju 2015, aktar minn 9% tal-allokkazzjoni tal-FES (madwar EUR 394 miljun) kien għadu ma g'ix impenjat, li wera b'zonn urġenti biex jiġu aċċellerati l-impenji, u li simili għall-każ tal-pagamenti ċertifikati, joħloq tħassib meta wieħed jikkunsidra li l-aħħar data għall-eliġibilita' tan-nefqa hija l-31 ta' Diċembru 2015.

Il-kontribuzzjoni nazzjonali pubblika sal-31 ta' Mejju 2015 kienet ta' EUR 2,44 biljun, li jirrappreżentaw żieda ta' EUR 321,62 miljun meta kkumparat mal-31 ta' Mejju 2014 (+15.17 %).

Fl-istess perjodu, kontribuzzjonijiet privati lill-miżuri appoġati mill-FES ammontaw għall-EUR 2.92 biljun, li jirrappreżenta EUR 375.36 miljun addizzjonali, żieda ta' 14.73% meta kkumparat mal-31 ta' Mejju 2014. Hekk kif wieħed jista' jara fir-rapporti preċedenti, il-kontribuzzjonijiet privati jinsabu prinċipalment fl-ipproċessar (45.62 %), fl-akkwakultura (24.95%) u fl-investimenti abbord (10.23 %). Ma' dawn, iridu jiżiedu investimenti ġodda fl-iżvilupp taż-żoni tas-sajd (8.57%). Dawn l-4 miżuri huma responsabbli għal kważi 90% ta' investimenti privati.

Mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Mejju 2015, l-investimenti fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura ammontaw għal total ta' EUR 9.27 biljun: 42.14% mill-FES, 26.33 % mill-kontribuzzjonijiet pubbliċi nazzjonali u 31.52 % mill-finanzjament privat. Dawn il-perċentwali baqgħu bażikament stabbli, b'sempliċiment tnaqqis ċkejken (-1.5%) tal-komponent tal-FES matul il-perjodu kollu.

F'termini tal-effett ta' lieva, kull ewro ta' appoġġ impenjat tal-FES jiġġenera EUR 1.37 ta' appoġġ nazzjonali impenjat, (+2.2% meta kkumparat mal-31 ta' Mejju 2014), li minnhom EUR 0.75 huma ta' finanzjament privat u EUR 0.62 huma ta' kontribuzzjoni pubblika nazzjonali.

2.2. L-oqsma ta' intervent ewlenin għall-FES

It-tabella ta' hawn taħt tikkompara l-livelli ta' impenji għall-aktar ħames miżuri użati sal-aħħar ta' Lulju 2012, Mejju 2013, Mejju 2014 u Mejju 2015, rispettivament:

Tabella 1

Il-31 ta' Lulju 2012	Il-31 ta' Mejju 2013	Il-31 ta' Mejju 2014	Il-31 ta' Mejju 2015
Waqfien permanenti (19.61 %)	Proċessar (17.41 %)	Proċessar (16.65 %)	Proċessar (17.53 %)
Akkwakultura (12.98 %)	Waqfien permanenti (17.25 %)	Waqfien permanenti (15.44 %)	Akkwakultura (14.33 %)
Proċessar (12.79 %)	Akkwakultura (14.83 %)	Akkwakultura (14.43 %)	Waqfien permanenti (13.98 %)
Portijiet tas-sajd (10.89 %)	Portijiet tas-sajd (11.46 %)	Portijiet tas-sajd (11.61 %)	Żvilupp taż-żoni tas-sajd (11.47 %)
Waqfien temporanju (7.67 %)	Waqfien temporanju (7.40 %)	Żvilupp taż-żoni tas-sajd (9.25 %)	Portijiet tas-sajd (11.15 %)

Il-konċentrazzjoni ta' impenji tal-FES fuq dawn il-ħames miżuri huwa pjuttost għoli

⁵ Din il-figura tikkorrispondi mal-allokkazzjoni inizjali fl-2007. Meta l-impenji kkanċellati huma kkunsidrati (EUR 256.9 miljun sal-31/12/2014), ir-rata tal-impenji tiżdied għall-96.3% tal-allokkazzjoni modifikata tal-FES.

(68.46 %); din il-figura hija simili għal dik tal-2013, u kemmxejn oġġla minn dik tal-2014.

Il-waqfiet permanenti u temporanji qed ikomplu jonqsu f' termini relattivi (ara t-tabella 3), tal-aħħar speċjalment, fejn 5.83% tal-impenji ġew użati b'azzjonijiet kollettivi skont l-Assi 3 (7.36% tal-impenji), u issa huwa s-seba' miżura l-aktar użata. It-tabella ta' hawn taħt turi dan it-tnaqqis; ir-rata ta' impenn taż-żewġ miżuri flimkien hija mnaqqsa bi 30% fil-perjodu analizzat.

Tabella 2

	Waqfien permanenti u temporanju (% totali tal-impenji tal-FES)
31/7/2012	28.28 %
31/05/2013	24.65 %
31/05/2014	22.2 %
31/5/2015	19.81 %

2.3. Evoluzzjoni għal kull assi ta' prijorità

It-tabella t'hawn taħt turi l-evoluzzjoni tal-importanza relattiva ta' impenji totali għal kull assi ta' prijorità għall-perjodu minn Lulju 2012 sa Mejju 2015.

Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Mejju 2015 issegwi x-xejra tas-snin ta' qabel, li tinkludi it-tnaqqis fl-Assi 1, bl-eċċezzjoni tal-Assi 4, li juri gwadann sinjifikanti fl-importanza relattiva mill-2012.

Tabella 3


Assi Prijoritarju ⁶	Il-31 ta' Lulju 2012	Il-31 ta' Mejju 2013	Il-Is-Sibt, 31 ta' Mejju 2014	Il-Il-Ħadd, 31 ta' Mejju 2015
Assi 1	33.05 %	30.42 %	27.77 %	25.72 %
Assi 2	28.96 %	32.64 %	31.44 %	32.3 %
Assi 3	27.59 %	27.38 %	28.46 %	27.26 %
Assi 4	7.1 %	7.2 %	9.25 %	11.47 %
Assi 5	3.29 %	2.42 %	3.07 %	3.25 %

It-tabella u l-graff ta' hawn taħt juru r-relazzjoni bejn l-impenji attwali u l-infiq ippjanat fl-2007 għal kull assi prijoritarju għall-perjodu 2012-2015.

Tabella 4

⁶ Assi 1. Miżuri għall-adattament tal-flotta tas-sajd tal-Komunità.
Assi 2. Akkwakultura, sajd fl-ilmijiet interni, proċessar u kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;
Assi 3. Miżuri ta' interess komuni.
Assi 4. Żvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd

Assi Prijoritarju	II-31 ta' Lulju 2012	II-31 ta' Mejju 2013	II-31 ta' Mejju 2014	II-II-Ħadd, 31 ta' Mejju 2015	% Progress 2015/2012
Assi 1	67.24 %	74.36 %	79.61 %	85.24 %	+26.78 %
Assi 2	56.6 %	77.47 %	86.77 %	98.4 %	+73.85 %
Assi 3	57.8 %	67.31 %	83.80 %	93.85 %	+62.37 %
Assi 4	28 %	44.60 %	56.89 %	80.9 %	+188.92 %
Assi 5	44.04 %	44.60 %	65.34 %	83.86 %	+90.43 %
FES Totali	56.31 %	67.37 %	79.33 %	90.83 %	+61.3 %



It-tabelli u l-graffi ta' hawn fuq juru li, f'perjodu ta' tlett snin, kien hemm konverġenza fir-rata ta' impenji bejn l-assi differenti; ir-rati ta' impenji kienu differenti sew aktar kmieni fil-perjodu ta' programmazzjoni għal raġunijiet differenti, bħal per eżempju l-kriżi tal-fjuwil tal-2008, l-impatt tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, il-fatt li l-Assi 4 kien għdid u li ingħelbu d-differenzi bejn l-għanijiet tal-intervent u l-bżonnijiet attwali fil-prattika.

L-aktar evoluzzjoni notevoli, hekk kif diġà rajna f'rapporti preċedenti tal-Kummissjoni, huwa t-tnaqqis tal-infiq pubbliku fl-Assi 1, li jista' jiġi spjegat b'żewġ fatturi: l-ewwel, l-iskemi tal-iskrappjar diġà implimentati taħt l-FIFG⁷ li komplew fl-ewwel snin ta' implimentazzjoni tal-FES, diġà indirizzaw sew il-kwistjonijiet ta' kapaċità żejda ta' ċerti segmenti tal-flotta. Profitabilità mtejba għal numru ta' flotot f' dawn l-aħħar ftit snin taw kunfidenza akbar lis-settur fil-kapaċità tiegħu sabiex jirnexxi mingħajr appoġġ pubbliku. B'risultat ta' dan, l-Assi 1 qed jipprogrressa b'rata partikolarment bil-mod, u issa waqa' lura meta kkumparat mal-medja.

L-assi 2 u 3 huma l-aktar avvanzati fejn jidħlu impenji, bl-Assi 2 li huwa aktar viċin il-100% u bl-Assi 3 li joqrob għall-95%. Madanakollu, huwa fl-Assi 4 (u fl-Assi 5), fejn il-progress huwa aktar mgħaġġel sa mill-2012. Sa Mejju 2015, l-Assi 4 kien kważi qed ilaħħaq mal-bqija

⁷ Ir-Regolament (EC) No 1263/1999, dwar l-Instument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd, OJ L 161, 26.06.1999

tal-Assi: f' inqas minn tlett snin, id-distanza mill-medja tnaqqset minn 29 punt perċentwali għal 10, b' aċċellerazzjoni b'saħħitha wara Mejju 2014 (+42%).

2.4. L-implimentazzjoni tal-baġit mill-Kummissjoni

F'konformità mal-ippogrammar finanzjarju, l-aħħar impenji annwali għall-perjodu 2007-2013 saru fil-baġit tal-UE fl-2013.

Fl-2014, 13.9% (EUR 567.25 miljun) tal-pakkett totali kien imħallas b'pagamenti interim; 83.8 % għar-reġjuni ta' konverġenza (EUR 475.49 miljun) u 16.2 % għal dawk li mhumiex (EUR 91.76 miljun). Fl-Anness 1 u fid-dokument ta' ħidma tal-persunal meħmuż wieħed jista' jsib informazzjoni ddettaljata.

2.5. L-użu ta' assistenza teknika mill-Istati Membri

Fl-2014, 23 Stat Membru impenjaw l-ammonti skont il-baġit tal-assistenza teknika (l-Assi 5). L-akbar ammonti kienu impenjati mill-Kroazja (100 % tal-fondi tal-FES allokat lill-Assi 5), il-Polonja (8.2 %), l-Isvetzja (6.5 %), id-Danimarka (6.5 %), il-Belġju (5.8 %) u r-Rumanija (7 %). Fost l-azzjonijiet iffinanzjati kien hemm it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, l-iżvilupp tal-IT, il-pubbliċità u t-tagħrif, kif ukoll is-sostenn għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali. Il-graff ta' hawn fuq turi żieda sinjifikanti li bdiet f'Mejju 2013 b' rata ta' impenji ta' 45% u li sa sentejn wara kienet telgħet għal 84%.

2.6. L-użu ta' assistenza teknika mill-Kummissjoni

Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)⁸ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, minflok l-FES. B' hekk, fl-2014 il-Kummissjoni ma impenjatx azzjonijiet ġodda taħt l-assistenza teknika tal-FES.

2.7. Koordinazzjoni tal-FES mal-Fondi Strutturali u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).⁹

Il-programmi operazzjonali (PO) juru li mill-bidu l-Istati Membri għarfu l-ħtieġa li jiżguraw il-konsistenza u l-koordinazzjoni fl-implimentazzjoni tal-FES mal-Fondi Strutturali u kif ukoll mal-FAEŻR. Ir-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istati Membri ma jsemmux il-problemi fundamentali ta' koordinazzjoni b'mod espliċitu.

2.8. Irregularitajiet irraportati mill-Istati Membri

Rigward l-FES, l-Istati Membri identifikaw u rraportaw 102 irregularitajiet fl-2014, li involvew EUR 8.7 miljun (li jirrapreżentaw 1.5% tan-nefqa ċċertifikata). Minn dawn, 11 li kienu jinvolvu l-ammont ta' EUR 2.1 miljun¹⁰ ġew irrapurtati bħala frodulent minn haimes Stati Membri.

⁸ Ir-Regolament (EU) Nru 508/2014 dwar il- Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (EMFF), ĠU L 149/1, 15.05.2014

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), ĠU L 277, 21.10.2005.

¹⁰ Għal ħarsa ġenerali kompleta lejn l-irregularitajiet irraportati, marbuta mal-FES, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2015) 156 finali (paġni 44-47), *Statistical evaluation of irregularities reported for 2014 (Evalwazzjoni statistika tal-irregularitajiet irraportati fl-2014)* li jakkumpanja r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea - Rapport Annwali tal-2014 tal-ġlieda kontra l-frodi 2014, COM (2015) 386 finali.

3. VALUTAZZJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TA' KULL ASSI TAL-FES

Mill-31 ta' Mejju 2015, l-appoġġ tal-FES kien impenjat għall-total ta' 134,689 operazzjoni. It-tabella ta' hawn taħt tissintettizza l-evoluzzjoni tal-għadd ta' operazzjonijiet matul il-perjodu ta' Lulju 2012–Mejju 2015. Fuqha jidher ċar li għalkemm il-figuri jżiedu b'rata sekwenzjali ta' żewġ ċifri, ir-rata annwali ta' żieda ilha tonqos sa mill-2012.

Tabella 5

Operazzjonijiet tal-FES	Operazzjonijiet	Lulju 2012 = 100	Δ% sena/sena
Il-31 ta' Lulju 2012	84,489	100	
Il-31 ta' Mejju 2013	104,848	124	+24 %
Il-31 ta' Mejju 2014	121,073	143	+15.5 %
Il-31 ta' Mejju 2015	136,489	161.5	+12.7 %

Il-kost totali medju ta' kull operazzjoni hu ta' EUR 67 941, li minnhom EUR 46 525 huma appoġġ pubbliku totali u EUR 28 635 huma l-kontribuzzjoni tal-FES. Il-kontribuzzjoni privata tammonta għal EUR 21 416, ħarira aktar minn 30% tal-kostijiet totali eliġibbli. Dawn l-ammonti jirrapreżentaw żieda żgħira (+1.5%) aktar mill-2014.

3.1. Assi 1. Miżuri għall-adattament tal-flotta tas-sajd tal-Komunità.

3.1.1. *Il-prestazzjoni ekonomika tal-flotta tas-sajd tal-UE fl-2013 (ibbażata fuq ir-Rapport Ekonomiku Annwali 2015¹¹)*

Id-Dejta għall-2013, li fuqha huwa bbażat ir-rapport ekonomiku annwali (AER) għall-2015, turi li fl-2013 il-flotta tas-sajd kienet ġeneralment profitabbli, u ġġenerat EUR 6.8 biljun fi dħul, EUR 3.4 biljun f'valur miżjud gross, EUR 506 miljun fi profitt nett u 7.8% f'marġni tal-profitt nett. Din ix-xejra pożittiva hija wkoll riflessa fl-aspettativi pożittivi mill-industrija, b'investimenti dejjem jikbru f'dawn l-aħħar snin (prinċipalment b'bastimenti tas-sajd ġodda u investimenti abbord). Madanakollu, ix-xejra ġenerali pożittiva ma tapplikax għall-flotot kollha tal-UE, minħabba li tliet flotot nazzjonali, jiġifieri dawk tal-Belġju, tal-Finlandja u tal-Portugall, akkumulaw telf fl-2013.

Dan it-tiġib ġenerali fil-prestazzjoni ekonomika tal-flotta jista' jiġi spjegat bl-evoluzzjoni pożittiva fil-prezzijiet tal-ewwel bejgħ ta' ċerti speċi ta' ħut importanti, il-bidla ta' tagħmir tas-sajd li juża f'juwil b'aktar effiċjenza u bis-sostituzzjoni tal-magni (bl-appoġġ tal-FES f'ċerti każijiet), il-konsolidazzjoni tal-flotta, kif ukoll bidliet fl-attitudni tal-kumerċjalizzazzjoni u tas-sajd. Il-prezzijiet tal-fjuwil baxxi u t-tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil ta' madwar 10% mill-2008 sal-2013 ikkontribwew ukoll għat-tisħiħ tal-prestazzjoni ekonomika tal-maġġoranza tal-flotot tal-UE. Dan it-tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil, li beda fi żmien meta l-fjuwil kien għadu bi prezz għoli għadu għaddej, minkejja li l-prezzijiet tal-fjuwil roħsu.

Id-dejta fl-AER turi differenzi sinjifikattivi fost ir-reġjuni (speċjalment fil-Mediterran) u fost is-segmenti tal-flotot. Il-prestazzjoni tas-Sajd max-Xatt fuq Skala Żgħira (SSCF) bdiet tiddeterjora filwaqt li l-flotot industrijali tjebru b'mod sinjifikanti fil-perjodu ta' bejn l-2008-2013.

¹¹ Id-dejta miġbura mill-Istati Membri taħt il-Qafas għall-Ġbir Ta' Dejta għandha perjodu latenti ta' sentejn.

3.1.2. Waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd.

Sal-31 ta' Meju 2015, il-FES ikkontribwixxa għal 4 267 operazzjoni ta' waqfien permanenti (+4 % meta kkumparat mal-31 ta' Meju 2014), b'kost pubbliku totali ta' EUR 935.81 miljun inkluż EUR 546.34 miljuni mill-FES.

L-ispejjeż għal kull operazzjoni ma jinbidlux ħafna meta kkumparat mas-sena ta' qabel. L-ispiża totali ta' kull operazzjoni tammonta għal EUR 219 313, li minnhom EUR 123 038 huma fondi tal-FES (il-ħames l-aktar għolja f'termini ta' fondi mpenjati tal-FES).

Il-figura ta' hawn fuq tinkludi numru żgħir ta' bidliet fl-operazzjonijiet (48). L-ispejjeż tal-bidliet (EUR 383 131, li jinkludu EUR 237 249 mill-FES) huma 73% oġġla minn daww tal-iskrappjar.

3.1.3. Twaqqif temporanju tal-operazzjonijiet tas-sajd

Bħas-snin ta' qabel, it-twaqqif temporanju jibqa' l-aktar miżura użata f'termini ta' numru ta' operazzjonijiet (63 152 operazzjoni, 46.27 % tal-għadd totali). Madanakollu, f'termini relattivi, l-importanza tal-appoġġ lil waqfien temporanju naqas b'10% bejn Meju 2014 u Meju 2015.

L-ispejjeż medji għal kull operazzjoni jibqgħu l-anqas fil-FES (EUR 6 109 kostijiet totali, EUR 3 608 kostijiet tal-FES), u li ilhom jonqsu sa minn Lulju 2012.

3.1.4. Investimenti abbord bastimenti tas-sajd u selettività

L-operazzjonijiet fis-selettività u abbord bastimenti tas-sajd jibqgħu t-tieni l-aktar sett ta' miżuri użati tal-FES (13 019-il operazzjoni); madankollu, l-importanza relattiva naqset minn Meju 2013 (minn 10.8% għal 9.54%)

L-investiment totali jammonta għal EUR 509.6 miljun, b'kontribuzzjoni pubblika totali ta' EUR 210.53 miljun. Il-kontribuzzjoni tal-FES għall-parti pubblika kienet ta' EUR 121.93 miljun (3.12 % tal-impenji totali tal-FES, li żdiedu minn 2.86% fis-sena preċedenti).

L-ispiża għal kull operazzjoni kienet ta' EUR 39 143, li minnhom il-kontribuzzjoni pubblika kienet EUR 16 171 (EUR 9 366 mill-FES). Il-kontribuzzjoni privata għal kull operazzjoni kienet kbira mhux ħażin: EUR 23 000.

In-numri ta' hawn fuq jinkludu 1 509 sostituzzjoni tal-magni, u 954 sostituzzjoni tat-tagħmir. Is-sostituzzjoni tal-magni tirrappreżenta ħarira aktar minn 1% tal-għadd totali ta' operazzjonijiet, imma 0.31% biss tat-total tal-impenji tal-FES. L-ispejjeż totali għal kull operazzjoni huma ta' EUR 32 753, li minnhom, EUR 8 057 huma appoġġjati mill-FES u EUR 5890 mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali pubbliċi.

Tnax-il Stat Membru użaw din il-miżura. Franza (516), Spanja (348), il-Portugall (220), l-Italja (111), il-Greċja (102), u r-Renju Unit (92) huma responsabbli għal 99% tal-għadd totali tal-operazzjonijiet. Madanakollu, jekk wieħed jikkunsidra d-daqs tal-flotta, l-aktar tliet utenti intensivi huma l-Belġju (sostituzzjoni tal-magna ekwivalenti għal 24.39% tal-flotta), Franza (7.3%) u Ċipru (4.9%).

Rigward is-sostituzzjoni tat-tagħmir, l-ispejjeż totali għal kull operazzjoni huma inqas: L-ispejjeż totali għal kull operazzjoni huma ta' EUR 21 495, u minn dawn, EUR 4 873 huma appoġġjati mill-FES u EUR 4 600 mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali pubbliċi. B'kolloxx tlettax-il Stat Membru użaw din il-miżura, b'Ċipru (429), Spanja (139), il-Greċja (118), l-

Italja (88) u r-Renju Unit, li jammontaw għal 80% tal-għadd totali ta' operazzjonijiet.

3.1.5. *Sajd kostali fuq skala żgħira*

L-operazzjonijiet favur is-sajd kostali fuq skala żgħira jibqgħu ftit; dawn jirrapreżentaw 4.21% tal-għadd totali ta' operazzjonijiet, imma 0.97% biss tal-impenji totali tal-FES. Il-kostijiet totali għal kull operazzjoni kienu ta' EUR 11 808, li minnhom EUR 9 586 kienu kontribuzzjoni pubblika. Il-parti tal-FES, EUR 6 620, hija t-tieni l-aktar baxxa wara l-waqfien temporanju. Il-kontribuzzjoni privata għal kull operazzjoni hija ta' EUR 2 222.

3.1.6. *Kumpens soċjoekonomiku għall-ġestjoni tal-flotta tas-sajd.*

L-għadd ta' operazzjonijiet taħt din il-miżura huwa simili ħafna għal dak preċedenti: 4.17 % tan-numru totali ta' operazzjonijiet, u 1.82 % biss mit-total tal-impenji tal-FES. L-ispiża totali għal kull operazzjoni tammonta għal EUR 36 991, li minnhom EUR 20 961 kienu koperti mill-kontribuzzjonijiet pubbliċi (EUR 12 499 mill-FES). Il-kontribuzzjoni pubblika, EUR 16 000, hija ħafna aktar ogħla milli fil-każ tas-sajd kostali fuq skala żgħira.

B'kollox, in-numru u l-kostijiet tal-operazzjonijiet taħt l-Assi 1 jikkonferma wkoll it-tnaqqis relattiv tiegħu matul is-snin.

3.2. Assi 2. Akkwakultura, sajd fl-ilmijiet interni, proċessar u kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akkwakultura:

3.2.1. *Sajd Intern*

L-operazzjonijiet ta' sajd intern jibqgħu ftit, fin-numru u ħafna inqas f'termini ta' kostijiet totali. Madanakollu, in-numru ta' operazzjonijiet żdiedu b'41% bejn il-31 ta' Mejju 2014 u l-31 ta' Mejju 2015. Sa mill-31 ta' Mejju 2014, kien hemm biss 1 327 operazzjoni (0.97 % tal-operazzjonijiet kollha). Dawn jammontaw għal 0.44 % tal-impenji kollha tal-FES, it-tieni l-iżgħar partita tal-impenn. Huma wkoll ir-raba' l-irħas f'termini ta' impenji tal-FES għal kull operazzjoni, li jammontaw għal EUR 12 892, li huwa anqas minn nofs l-ispiża medja tal-FES għal kull operazzjoni. L-investment totali medju għal kull operazzjoni huwa ta' EUR 33 089, u jibqa' t-tielet l-iżgħar. Il-kontribuzzjoni pubblika nazzjonali hija taħt il-EUR 9 390 u l-kontribuzzjoni medja privata għal kull operazzjoni hija ta' EUR 10 800.

3.2.2. *Akkwakultura*

Kif imsemmi aktar il-fuq, il-miżuri tal-akkwakultura huma t-tieni l-akbar żoni ta' investment għall-FES. In-numru ta' operazzjonijiet huwa relattivament żgħir (8 358 operazzjonijiet, 6.12% tat-total), imma dawn jikkonsmaw 14.33% tal-impenji tal-FES. Il-kost totali tal-operazzjoni huwa ta' EUR 186 042 (+4% meta kkumparat ma' Mejju 2014), minn dawn EUR 87 261 jikkorrispondu mal-kontribuzzjonijiet privati (+8.3%), EUR 31 783 jikkorrispondu ma' riżorsi pubbliċi nazzjonali (+5.7%) u EUR 66 998 jikkorrispondu mal-FES (-2%). L-impenji totali jammontaw għal EUR 1 554.9 miljun, li minnhom EUR 559.97 miljun huma fondi tal-FES, EUR 265.6 miljun huma kontribuzzjoni pubblika nazzjonali u EUR 729.3 miljun huma finanzjament privat.

Madwar 60% tal-operazzjonijiet jikkorrispondu mal-modernizzazzjoni u mal-estensjoni ta' azjendi agrikoli diġà eżistenti, 19% jikkorrispondu ma' miżuri akkwa-ambjentali u 17.6% jikkorrispondu mal-kapaċità tal-produzzjoni. Dawn tal-aħħar huma daww l-operazzjonijiet li l-aktar hađu fondi mill-FES (EUR 155 727), segwiti mill-qrib mill-imfaqas (EUR 130 802) u l-miżuri għas-saħħa tal-annimali (EUR 106 628). Il-bqija tal-miżuri huma inqas minn EUR 60 000 f'termini ta' kontribuzzjoni tal-FES.

Ewro ta' appoġġ mill-FES jiġġenera EUR 1.78 ta' riżorsi nazzjonali, li minnhom EUR 1.31 huma privati u EUR 0.47 huma pubbliċi.

3.2.3. *Proċessar*

Il-miżuri ta' proċessar jibqgħu l-akbar partiti tan-nefqa f'termini ta' impenji tal-FES. Mill-aħħar ta' Lulju 2012 bdiet tiżdied l-importanza relativa tal-operazzjonijiet ta' proċessar (+37%). Għalkemm l-5 016-il operazzjoni jirrapreżentaw biss 3.68% tal-għadd totali, dawn jirrapreżentaw 17.53% tal-impenji tal-FES.

L-ispiża totali tal-operazzjonijiet tammonta għal EUR 2.39 biljun, li minnhom EUR 1.33 biljun huma riżorsi privati u EUR 1.06 biljun huma riżorsi pubbliċi, li minnhom EUR 685 miljun jikkorrispondu mal-FES u l-bqija jikkorrispondu ma' kontribuzzjonijiet nazzjonali pubbliċi.

L-ispejjeż totali għal kull operazzjoni jammontaw għal EUR 476 314 (darbtejn aktar minn operazzjoni ta' waqfien permanenti). Il-kontribuzzjoni privata hija ta' EUR 265 822 u l-kontribuzzjoni pubblika hija ta' EUR 210 492, li minnhom EUR 136 605 huma riżorsi tal-FES (it-tielet l-akbar).

Madwar 75% tal-operazzjonijiet jikkorrispondu mal-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda tal-iproċessar jew modernizzazzjoni jew estensjoni ta' faċilitajiet diġà eżistenti; 20% għall-immodernizzar ta' stabbilimenti kummerċjali u l-bqija għall-kostruzzjoni ta' stabbilimenti kummerċjali. L-ispejjeż għal kull operazzjoni tal-FES jaqbżu l-EUR 160 000 għall-faċilitajiet tal-iproċessar, EUR 155 000 għall-kostruzzjoni ta' stabbilimenti kummerċjali u EUR 49 500 għall-immodernizzar ta' stabbilimenti kummerċjali.

Ewro ta' riżorsi tal-FES jiġġenera EUR 2.49 ta' kontribuzzjonijiet nazzjonali, minn dawn EUR 1.95 huma riżorsi privati u l-bqija huma pubbliċi.

3.3. **Assi 3. Miżuri ta' interess komuni.**

3.3.1. *Portijiet tas-sajd, siti tal-iżbark u postijiet ta' kenn*

Sal-31 ta' Mejju 2015, l-FES kien qed jikkontribwixxi għall-1 702 proġetti ta' infrastruttura (1.25% tat-total). L-investimenti totali jammontaw għal EUR 815.3 miljun (+17% meta kkumparat ma' Mejju 2014), b'kontribuzzjoni pubblika ta' EUR 745 miljun (+16.5%), minn dawn EUR 435.96 miljun mill-FES (+10%).

Il-proġetti tal-infrastruttura huma l-aktar għaljin f'termini ta' investiment totali għal kull proġett (EUR 479 043), f'termini tal-finanzjament tal-FES (EUR 256 141,-6.5%), u f'termini tal-kontribuzzjoni pubblika nazzjonali (EUR 181 600 +8,4%).

3.3.2. *Żvilupp ta' swieq ġodda u kampanji promozzjonali*

Sal-31 ta' Mejju 2015, filwaqt li l-għadd ta' operazzjonijiet finanzjati f'dan il-qasam kien relattivament żgħir (2 363, 1.73% tat-total), dawn ikkonsmaw 3.63% tal-impenji totali tal-FES.

L-ispejjeż totali ammontaw għal EUR 245.2 miljun, minn dawn EUR 228.14-il miljun kienu kontribuzzjonijiet pubbliċi (EUR 141.73 miljun huma fondi tal-FES) u EUR 17-il miljun biss huma kontribuzzjonijiet privati.

Il-kost totali tal-operazzjoni huwa ta' EUR 103 758 (+4.2 % meta kkumparat ma' Mejju 2014), minn dawn EUR 59 979 jikkorrispondu mal-FES (+2.5 %), EUR 36 570 jikkorrispondu ma' riżorsi pubbliċi (+10.5 %) u EUR 7 210 (-9.8%) jikkorrispondu ma' kontribuzzjonijiet

privati.

3.3.3. Operazzjonijiet Pilota.

Operazzjonijiet pilota jinkludu l-użu esperimentali ta' tekniki tas-sajd aktar selettivi bil-għan li jinkiseb u jixtered għarfien tekniku ġdid u li dan isir minn entità kompetenti maħtura speċifikament għal dan l-għan mill-Istati Membri, fi sħubija ma' entità xjentifika jew teknika.

Il-figuri sal-31 ta' Mejju 2015 għadhom modesti, 716-il operazzjoni, li jirrapreżentaw biss 0.52% tan-numru totali, li hija madanakollu żieda sinifikanti meta kkumparat mal-31 ta' Mejju 2014 (+20.5%) u li jikkunsmaw 2.64% tar-riżorsi tal-FES u 3.87% tar-riżorsi nazzjonali pubbliċi.

L-ispejjeż għal kull operazzjoni jammontaw għal EUR 234.6 miljun, li minn dawn EUR 197.6 miljun huma spejjeż pubbliċi (EUR 103.2 miljun mill-FES).

Il-kostijiet totali għal kull operazzjoni huma ta' EUR 327 691, minn dawn EUR 275 976 huma pubbliċi (EUR 144 164 mill-FES, it-tieni l-akbar partita) u EUR 51 716 huma privati.

Ewro ta' riżorsi tal-FES jiġġenera EUR 1.27 tar-riżorsi nazzjonali, minn dawn 25% biss huma riżorsi privati. Dan huwa fost l-aktar baxx mill-effetti ta' lieva u b'hekk juri b'mod ċar il-bżonn ta' fondi pubbliċi sabiex tiġi promossa l-innovazzjoni.

3.4. Assi 4. Żvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd.

Minn Mejju 2014 sa Mejju 2015, l-implimentazzjoni tal-Assi 4 żammet il-progress rapidu tas-snin preċedenti. Il-21 Stat Membru li implimentaw l-Assi 4 għażlu l-FLAGs tagħhom u sa Mejju 2015 in-numru laħaq it-312.

Il-FLAGs u l-promoturi tal-proġetti, kif ukoll l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-korpi intermedjarji, kienu lkoll qegħdin jippreparaw, jagħżlu, japprovaw u jħallsu għall-proġetti b'mod attiv. Il-figuri relatati juru żieda kostanti fl-approvazzjoni tal-proġetti: filwaqt li lejn l-aħħar tal-2012 kien hemm biss 2 756 proġett magħżula fil-prattika, din il-figura żdiedet għal 6 353 proġett f'sena waħda. Din ix-xejra kompliet u sal-31 ta' Mejju 2015, kienu approvati 11 299 proġett (+28.4%), li jirrapreżentaw 8.28% tal-għadd totali ta' proġetti, u li jikkunsmaw 11.47% tal-impjenji totali tal-FES.

Il-kostijiet totali fl-Assi 4 jammontaw għal EUR 912.1 miljun, minn dawn EUR 661.7 miljun huma kontribuzzjonijiet pubbliċi. L-FES ikkontribwixxa b' EUR 448.34 miljun għall-parti pubblika.

Il-kost għal kull operazzjoni jammonta għal EUR 80 728, li minn dawn EUR 22 165 huma kontribuzzjonijiet privati u EUR 58 562 huma kontribuzzjoni pubblika (EUR 39 680 mill-FES).

Ewro ta' riżorsi tal-FES jiġġenera EUR 1.03 tar-riżorsi nazzjonali, (55% privati u l-bqija pubbliċi nazzjonali).

4. L-EWWEL SETT TA' KONKLUŻJONIJIET OPERAZZJONALI DWAR IL-FES GĦALL-PERJODU 2007-2013

- Ir-Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni tal-2014 jikkonferma dawn ix-xejriet li ġejjin, li jidhru b'mod ċar ukoll f'rapporti preċedenti:
 - It-tnaqqis gradwali matul l-aħħar snin f'appoġġ tal-FES lill-miżuri taħt l-Assi 1 (b'mod parikolari, il-waqfien temporanju u permanenti) huwa aktar prominenti fl-2014-2015.

Dan jista' jiġi spjegat bil-fatturi li ġejjin: skemi tal-iskrappjar implimentati fil-passat, f'parti minnhom kienu jindirizzaw il-kapaċità żejda f'ċerti segmenti ta' flotot; is-settur għandu aktar kunfidenza fil-futur tiegħu stess minħabba fil-profitabilità aħjar ta' ċerti flotot

- L-Assi 2: il-miżuri tal-akkwakultura huma t-tieni l-akbar żoni ta' investiment għall-FES wara l-iproċessar.
 - L-Assi 3 għadu qed jagħmel progress, għalkemm b'rata relativament bil-mod.
 - L-Assi 4 qiegħed jagħmel progress rapidu u issa jirrapreżenta 11.47% tal-impenji totali tal-FES.
- Meta wieħed jikkumpara s-sitwazzjoni fl-aħħar ta' Mejju 2015 u 2014, wieħed jista' josserva li għal ħafna miżuri (speċjalment l-akkwakultura, l-iproċessar, il-proġetti pilota u l-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni) il-kontribuzzjoni nazzjonali pubblika medja għal kull operazzjoni tiżdied b'rata aktar mgħaġġla milli mill-kontribuzzjoni tal-FES. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas relattiv fi skemi ta' għajjnuna mill-Istat, nistgħu ngħidu li l-appoġġ nazzjonali qiegħed jiġi dirett lejn il-miżuri kofinanzjati tal-FES, iktar milli lejn l-għajjnuna mill-Istat.
 - Hemm xi evidenza li l-kontribuzzjoni privata għal kull operazzjoni żdiedet. Minn banda, dan jista' jiġi spjegat b'nuqqas fl-intensità tal-għajjnuna ta' operazzjonijiet appoġġjati mill-FES, speċjalment f'setturi profitabbli ta' attività (b'mod speċjali l-akkwakultura u l-iproċessar), li jista' jkun konsistenti bil-konsolidament fiskali matul l-aħħar snin.
 - Kemm l-impenji u kif ukoll in-nefqa ċċertifikata fil-livell tal-Istati Membri tjiebu, imma għadhom taħt il-livell mistenni qabel it-tmiem tal-implimentazzjoni tal-FES. Sal-31 ta' Mejju 2015, aktar minn 9% tal-allokkazzjoni tal-FES (madwar EUR 394 miljun) kienu għadhom ma ġewx impenjati; dan kien juri l-bżonn urġenti li jitħaffu l-pagamenti, sabiex jiġi żgurat l-użu sħiħ tal-fondi kollha disponibbli sad-data ta' skadenza (31 ta' Diċembru 2015).

L-EŻEKUZZJONI FINANZJARJA TAL-FES MILL-KUMMISSJONI FIR-REĠJUNI TA' KONVERĠENZA U DAWK LI MHUMIEX

Pajjiż		Deċiżi a	Impenjati b	Imħallsa c	% (b) / (a)	% (c) / (a)
Il-Belġju	Perjodu 2007-2013	26 261 648	26 261 648	19 168 499.99	100 %	72.99 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	3 312 272.66		
Il-Bulgarija	Perjodu 2007-2013	62 783 169	62 783 169	40 409 056.31	100 %	64.36 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	9 986 093.35		
Ir-Repubblika Ċeka	Perjodu 2007-2013	27 106 675	27 106 675	19 509 468.35	100 %	71.97 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	0.00		
Id-Danimarka	Perjodu 2007-2013	133 675 169	133 675 169	83 947 337.37	100 %	62.80 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	703 841.35		
Il-Ġermanja	Perjodu 2007-2013	132 253 458	132 253 458	93 631 371.14	100 %	70.80 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	11 800 128.31		
L-Estonja	Perjodu 2007-2013	84 568 039	84 568 039	69 771 197.49	100 %	82.50 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	15 434 669.72		
I-Irlanda	Perjodu 2007-2013	42 266 603	42 266 603	33 467 120.83	100 %	79.18 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	0.00		
Il-Greċja	Perjodu 2007-2013	202 554 357	202 554 357	152 710 751.91	100 %	75.39 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	7 010 048.52		
Spanja	Perjodu 2007-2013	1 055 250 968	1 055 250 968	849 911 777.01	100 %	80.54 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	183 145 255.98		
Franza	Perjodu 2007-2013	207 096 020	207 096 020	155 655 960.43	100 %	75.16 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	24 039 286.49		
Il-Kroazja	Perjodu 2007-2013	8 700 000	8 700 000	2 175 000.00	100 %	25.00 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	0.00		
L-Italja	Perjodu 2007-2013	387 646 899	387 646 899	288 717 023.71	100 %	74.48 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	47 721 421.32		
Ċipru	Perjodu 2007-2013	19 724 418	19 724 418	18 541 677.89	100 %	94.00 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	2 995 629.13		
Il-Latvja	Perjodu 2007-2013	125 015 563	125 015 563	118 634 206.03	100 %	94.90 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	16 211 375.11		
Il-Litwanja	Perjodu 2007-2013	54 713 408	54 713 408	45 722 592.94	100 %	83.57 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	5 928 308.26		
Il-Lussemburgu	Perjodu 2007-2013	0	0	0.00	0,00 %	0.00 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	0.00		
L-Ungerija	Perjodu 2007-2013	34 743 470	34 743 470	28 805 751.06	100 %	82.91 %

	Sena finanzjarja: 2014	0	0	3 149 813.47		
Malta	Perjodu 2007-2013	8 372 329	8 372 329	6 254 113.69	100 %	74.70 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	1 760 768.20		
Il-Pajjiżi I-Baxxi	Perjodu 2007-2013	43 282 778	43 282 778	27 186 099.98	100 %	62.81 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	0.00		
L-Awstrija	Perjodu 2007-2013	5 249 497	5 249 497	4 996 352.10	100 %	95.18 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	274 079.34		
Il-Polonja	Perjodu 2007-2013	734 092 574	734 092 574	522 607 848.80	100 %	71.19 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	132 430 235.90		
Il-Portugall	Perjodu 2007-2013	225 864 267	225 864 267	175 162 077.61	100 %	77.55 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	29 046 260.61		
Ir-Rumanija	Perjodu 2007-2013	178 273 115	178 273 115	112 008 165.34	100 %	62.83 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	24 331 634.79		
Is-Slovenja	Perjodu 2007-2013	21 640 283	21 640 283	18 617 242.85	100 %	86.03 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	5 135 416.12		
Is-Slovakkja	Perjodu 2007-2013	12 868 797	12 868 797	9 637 369.63	100 %	74.89 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	1 333 295.86		
Il-Finlandja	Perjodu 2007-2013	38 491 347	38 491 347	31 131 452.69	100 %	80.88 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	3 702 853.12		
L-lżvezja	Perjodu 2007-2013	54 638 257	54 638 257	40 709 427.72	100 %	74.51 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	5 542 368.16		
Ir-Renju Unit	Perjodu 2007-2013	129 620 927	129 620 927	94 591 015.74	100 %	72.98 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	32 251 658.18		
Total	Perjodu 2007-2013	4 056 754 035	4 056 754 035	3 063 679 958.61	100 %	75.52 %
	Sena finanzjarja: 2014	0	0	567 246 713.95		